# PRIM’AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta’ nhar it-Tlieta, 11 ta' Jannar 2000.**

**Numru 19**

**Citaz. numru 1429/92 DS**

Anthony Cutajar
vs
Vivian Bianchi ghan-nom u in rapprezentanza ta’ “The Dolphin Supermarkets Limited”

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fit-28 ta’ Ottubru 1992 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta illi Anthony Cutajar kien iforni l-hobz lis-socjeta' debittrici f'diversi partiti konsenjati f'jum differenti.

Illi l-attur kien issuplixxa lis-socjeta' debittrici b'ammont ta' hobz li baqa' ma thallasx tieghu u liema somma tilhaq Lm3093.52 (tlett elef u tlieta u disghin lira u tnejn u hamsin centezmu).

talab lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut :

1. ihallas is-somma ta' Lm3093.52 (tlett elef u tlieta u disghin lira u tnejn u hamsin centezmu) prezz ta' diversi partiti ta' xoghol ta' hobz lilu debitament mibjugha u kkonsenjata.

Bl-ispejjez u dawk tal-ittra bonarja u tal-ittra ufficjali datata 3 ta' Lulju 1992 bl-imghax fuq l-istess ammont.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine fejn qal:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-attur, li kien jikkonsenja l-hobz lill-konvenut noe, inqabad jikkonsenja inqas milli fil-fatt iffattura, u dan bil-komplicita' ta' ex-impjegat tad-ditta konvenuta Simon Green.

2. Illi inoltre, bhala fatt, l-ammont ta' hobz mixtri mid-ditta konvenuta qabel il-perjodu li ghalih tirreferi c-citazzjoni, kien ferm inqas minn dak allegatament konsenjat mill-attur lill-konvenut noe waqt il-perjodu li ghalih taghmel riferenza c-citazzjoni.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet tat-8 ta’ Marzu 1993 li permezz tieghu giet nominata Dr. Ierene Bonello bhala perit biex tfittex u tirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li tiehu konjizzjoni ta’ l-eccezzjonijiet, u taghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x’jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-relazzjoni minnha mahlufa fis-7 ta’ Ottubru 1996;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:

Permezz ta’ din il-kawza l-attur qieghed jitlob minghand il-konvenut nomine s-somma ta’ Lm3093.52 ghal diversi kunsinnji ta’ hobz li l-attur ikkonsenja u biegh lis-socjeta’ konvenuta fiz-zewg supermarkets taghha – id-Dolphin Supermarket f’Paceville u d-Dolphin Supermarket f’Hal-Balzan. Il-perijodu relattiv indikat mill-attur fl-affidavit tieghu huwa mill-1 ta’ Jannar 1992 sal-25 ta’ April 1992 b’dan illi, kif tajjeb irrilevat il-perit fir-relazzjoni taghha, ghall-precizjoni ghandhom jigu kkunsidrati d-dati indikati fir-ricevuti kompleti li jinsabu f’Dok. AC4 sa Dok. AC9.

Fir-relazzjoni taghha l-perit ghamlet apprezzament dettaljat tal-provi u l-Qorti se taghmel riferenza ghall-konsiderazzjonijiet relattivi. Hija tghid:

"3.1.2. l-ahjar provi fir-rigward tat-talba ta' l-attur fil-fatt huma Dok. AC4 sa Dok. AC9. Il-fuq imsemmi ammont ta' Lm3093.52 jirrizulta minn l-

addizzjoni ta' l-ammonti totalizzati li jidhru (a) f'Dok. AC5 (mir-ricevuta numru 12 sa numru 84); (b) f'Dok. AC8 u Dok. AC9;

3.1.3. Pero' f'Dok. AC4 hemm ir-ricevuti numri 10, 11, 32, 34, 37, 54, 56 u 60 li mhumiex ddatati, oltre lihemm ir-ricevuti numri 23, 40 u 43 li ghandhom ix-xahar nieqes; u f'Dok. AC5 hemm ir-ricevuta numru 70 li mhijiex iffirmata u r-ricevuti numri 39, 41, 61 u 68 mhumiex iddatati. Dawn ir-ricevuti ma jistghux jitqiesu kompleti u ghalhekk ma ghandhomx jigu kkonsiderati.

3.1.4. Minn analizi (a) tal-kwantitajiet ta' hobz ikkonsenjat mill-attur; (b) tal-kwantitajiet tal-hobz ritornat lill-attur; (c0 tal-prezzijiet relattivi; u (d) ta' l-iskont ta' ghoxrin fil-mija (20%), indikati fir-ricevuti kompleti u relattivi ghal din il-kawza li jinsabu f'Dok. AC4 sa Dok. AC9, l-ammont rizultanti huwa ta' elfejn, seba' mija, sebgha u tmenin liri Maltin, u disgha u hamsin centezmu (Lm2787.59). In vista ta' din l-analizi jirrizulta li l-kreditu ta' l-attur huwa ta' Lm2787.59.

3.2. <u>Analizi ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine u tal-provi rilevanti</u>

3.2.1. L-ewwel eccezzjoni tal-konvenut ghandha tigi biss kkunsidrata fir-rigward tar-ricevuti relattivi ghad-Dolphin Supermarket f'Paceville peress li skond il-provi migbura jirrizulta li Simon Green kien jahdem hemm u mhux fid-Dolphin Supermarket f'Hal-Balzan.

3.2.2. Rigward l-allegazzjoni kontenuta f'din l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut nomine, cioe' li l-attur kien "jikkonsenja inqas milli fil-fatt iffattura u dan bil-komplicita ta' ex-impjegat tad-ditta konvenuta Simon Green", ghandhom jigu kkonsiderati s-segwenti punti:

[a] Din l-allegazzjoni giet michuda kategorikament mill-attur, li da parti tieghu spjega li meta beda jikkonsenja l-hobz fis-supermarket f'Paceville, huwa kien: "nhallilhom ix-xoghol billi niehu l-hobz hemm jodduh huma u jiffirmawli ghal dak li jkunu hadu." Inoltre l-attur iddikjara li huwa ma jafx jaqra u jikteb (punt ikkonfermat anki minn mart l-attur fl-affidavit taghha) u li "l-ircevuti kienu jsiru mill-impjegati u ma kienx imisshom huwa.

[b] minn analizi tad-depozizzjoni in ezami i in kontro-ezami ta' Timothy Borg floor-manager supervisor fid-Dolphin Supermarket f'Paceville (prodott mill-konvenut nomine) jigi dedott li:
i. qabel il-25 ta' April, 1992 Timothy Borg kien konsapevoli tal-procedura swgwita minn Simon Green fir-rigward tal-kunsinnju tal-hobz

mill-attur, u Timothy Borg stess f'dawk l-okkazjonijiet li kiteb l-invoices (li effittivament huma ir-ricevuti) kien juza "l-istess procedura ta' Simon Green".

ii. Simon Green ma kienx l-uniku impjegat "li kien jiccekkja l-hobz" stante li qabel il-25 ta' April 1992 Timothy Borg stess gieli ghadd il-hobz ikkonsenjat mill-attur u anki mis-suppliers l-ohra, u meta kiteb l-invoices uza 'l-istess procedura ta' Simon Green".

iii. kienet ir-responsabbilita' ta' l-istaff tas-supermarket tas-socjeta' konvenuta u cioe' tal-konvenut nomine li l-hobz ikkonsenjat jigi iccekkjat;

iv. Timothy Borg li [i] kien jaf bil-procedura addottata minn Simon Green fir-rigward tal-kunsinnji tal-hobz mill-attur, u li [ii] uza l-istess procedura ta' Simon Green, meta gieli kiteb l-invoices, qatt qabel il-25 ta' April, 1992 irraporta jew indika li kien hemm xi irregolarita' f'din l-istess procedura addottata minn Simon Green.

[c] Oltre Simon Green u Timothy borg, jidher skond Dok. AC5 li kien hemm Godwin Tedesco u Trevor Gambin, impjegati tal-konvenuti nomine li kienu jiffirmaw ir-ricevuti ghall-kunsinnji tal-hobz mill-attur fid-Dolphin Supermarket f'Paceville.

[d] Mid-deposizzjoni in ezami ta' Simon Green (prodott mill-konvenuti nomine) li kien impjegat fid-Dolphin Supermarket f'Paceville fiz-zmien in ezami, jirrizulta li dan ix-xhud ipprova jittrasferixxi r-responsabbilita' ghac-cekkjar tal-hobz kienet responsabbilita' tal-konvenut nomine li kellha tigi esegwita mill-impjegati ta' l-istess konvenut nomine li kienu jiffirmaw ir-ricevuto. kull ricevuta ffirmata mill-impjegati tal-konvenut nomine, hija l-konferma u l-accettazzjoni tal-kwantitajiet ta' hobz indikati fl-istess ricevuta.

[e] Il-verifika li saret fil-25 ta' April 1992 minn Timothy Borg giet effetwata wara li kienet giet iffirmata ir-ricevuta relattiva ghal dik il-gurnata u cioe' wara li l-kunsinnja tal-hobz ghal dik il-gurnata kienet diga' giet kkonfermata u accettat mill-konvenut nomine.

[f] Ir-rizultat tal-verifika tal-25 ta' April 1992, mhuwiexprova li bejn l-attur u Simon Green kien hemm il-komplicita' li qed jallega l-konvenut nomine, se mai hija konferma ta' dak li xehed Simon Green stess, cioe' li c-cekkjar tal-hobz kien qed isir b'mod superficjali da parti tieghu - sitwazzjoni li ghaliha huwa responsabbli l-konvenut nomine fil-konfront

ta' l-attur, stante li ghal kull kunsinnja individwali l-konvenut nomine tramite l-impjegati tieghu (li kienu jiffirmaw ir-ricevuti) ikkonferma u accetta l-kunsinnji tal-hobz minghand l-attur u b'kull ricevuta ffirmata mill-impjegati tieghu, l-konvenut nomine obbligu ruhu li jhallas lill-attur ghall-kwantitajiet ta' hobz ikkonfermati u accettati skond kif jirrizulta mir-ricevuti ffirmati.

3.2.3. il-konsiderazzjonijiet premessi juru li l-allegazzjoni avvanzata mill-konvenut nomine fl-ewwel eccezzjoni tieghu mhijiex ippruvata.

3.2.4. Rigward it-tieni eccezzjoni tal-konvenut nomine jirrizulta li fic-citazzjoni m'hemmx riferenza ghall-perijodu relattiv ghall-kunsinnji ta' hobz in kwestjoni. Fl-affidavit tieghu l-attur iddikjara li: "Anki mart l-attur fl-affidavit taghha ssemmiet l-istess perjodu meta ddikjarat:"... bejn l-i ta' Jannar, 1992 sal-25 ta' April, 1992 ix-xoghol kollu li gie mehud lis-socjeta' konvenuta kien jigi accettat mid-diversi impjegati tas-socjeta'..."

3.2.5. Mill-analizi tal-provi migbura jirrizulta li l-granet relattivi ghall-kunsinnji tal-hobz li saru mill-attur: [a] fid-Dolphin Supermarket f'Hal-Balzan, huma dawk li jirrizultaw mir-ricevuti numru 8 sa numru 76 f'Dok. AC4, u mir-ricevuti Dok. AC6 u Dok.AC7; u [b] fid-Dolphin Supermarket f'Paceville, huma dawk li jirrizultaw mir-ricevuti numru 12 sa numru 84 f'Dok. AC5, fir-ricevuti Dok. AC8 u Dok. AC9.

3.2.6. George Attard (prodott mill-konvenut nomine) fid-deposizzjoni tieghu in ezami spjega li kien il-General Manager tad-Dolphin Supermarkets, kemm ta' paceville u kif ukoll ta' hal-Balzan; "F'April 1992 mir-rapporti finanzjarji li hemm fil-computer tas-socjeta' konvenuta". Induna "li x-xiri minghand l-attur kien qed joghla b'mod esagerat..."(skond ir-"resokont relattiv ghas-Supermarket ta' Paceville ghall-perijodu ta' Gunju, 1991 - ix-xiri tal-hobz minghand l-attur kien ta' Lm216 u f'Marzu 1992 dan ix-xiri tela' ghal Lm728)", u ta "struzzjonijiet lil Timothy Borg li huwa s-Spervisor fis-Supermarket ta' paceville, biex wara li l-attur ikkonsenja l-hobz ahna niccekkjaw il-kwantitajiet mal-fattura." Inoltre George attard iddikjara li "Mill-kopja ta' l-invoice numru 84 datata 25 ta' April 1992, jirrizulta li x-xiri tal-hobz ta' dik il-gurnata jammonta ghal Lm77.10" u "Wara li sar il-kontroll fuq l-istess xoghol irrizulta li l-attur" kien ikkonsenjalhom "biss Lm26.75 cioe' 65% inqas".

3.2.7. Mid-deposizzjoni tieghu in-kontro ezami jirrizulta li George Attard ma kienx presenti ghall-fuq l-imsemmija verifika tal-kwantitajiet ta' hobz u tal-fattura relattiva, u li l-figura ta' Lm26.75 li huwa kien semma fid-

deposizzjoni in ezami kieh tahielu Timothy Borg, li skond George Attard, kien assistit minn Joseph Gatt 9assistent ta' George Attard) waqt il-fuq imsemmija verifika. Timothy Borg ma xehedx li kien assistit minn Joseph Gatt. Huwa Simon Green li jaghmel riferenza ghal joseph Gatt, meta xehed: "Wara ftit minuti tela' s-Supervisor Timmy Borg u huwa qalli li z-zewg crates ma kienux isfel. Wara joseph Gatt l-Assistant Manager cempel lill-pulizija." Dawn il-kliem ta' Simon Green pero' ma jikkonfermawx li Timothy Borg waqt il-verifika tal-25 ta' April 1992 kien assisti minn joseph Gatt. inoltre fid-deposizzjoni in ezami ta' Simon Green u fl-affidavit u fid-deposizzjoni in ezami u in kontro-ezami ta' l-attur, il-verifika in kwestjoni mhijiex imsemmija.

3.2.8 Timothy borg fid-deposizzjoni tieghu in ezami iddikjara li "Ol-Management kellu suspett li kien hemm shortfall fid-deliveries tal-hobz, cioe' nuqqas bejn dak iffatturat u dak in realta' ikkunsinjat", huwa gie mitlub minn George Attard "biex f'gurnata Minnhom" jghodd il-hobz u jipparagunah mal-fattura. Fl-istess deposizzjoni in ezami Timothy Borg iddikjara li "Ezatti kif Cutajar l-attur stiva l-hobz u Green kiteb il-fattura," Borg stess ivverifika kemm kien hemm hobz u l-ammont miktub fuq il-fattura minn Green." u "irrizulta li kien hemm ammont sostanzjali nieqes," huwa mhuwiex "cert rigward l-ammont nieqes pero' "jiftakar li kien vicin l-erbghin fil-mija(40%) jew tletin fil-mija (30%)". Fid-deposizzjoni tieghu (in ezami) sussegwenti Timothy Borg spjega li fil-25 ta' April 1992 meta huwa ivverifika kemm gie kkonsenjat hobz mill-attur, Borg stess kien ghadd il-hobz u kien kiteb Dok. ST2 li huwa ffirmat minn Borg u ddatat 25 ta' April 1992.

3.2.9. Ghandu jigi kkonsidrat li kwelunkwe zieda fil-kwantitajiet ta' hobz mixtri mill-konvenut nomine minghand l-attur, fil-perijodu in ezami, hija zieda li kienet giet konfermata u accettata mill-konvenut nomine stess, fir-rigward ta' kull kunsinnja individwali, permezz tal-firma tar-ricevuti relattivi, mill-impjegati tal-konvenut nomine. Huwa propju r-ricevuti ffirmati mill-impjegati tal-konvenut nomine li jindikaw li ferm qabel il-25 ta' April 1992 u anzi tul il-perjodu kollu in kwestjoni relattiv ghal din il-kawza, il-konvenut nomine kien qed jaccetta u jikkonferma il-kwantitajiet ta' hobz akkwistati minnu minghand l-attur.

3.2.10. Huwa evidenti mill-konsiderazzjonijiet premessi li l-konvenut nomine ghandu l-obbligu li jhallas lill-attur ghall-kunsinnji ta' hobz li saru u li gew ikkonfermati u accettati mill-konvenut nomine tramite il-firma tar-ricevuti mill-impjegati tieghu.

3.2.11. Inoltre ghandhom jigu kkonsidrati s-segwenti punti:

[a] Dok ST3 sar minn George Attard mhux minn informazzjoni li gabar huwa personalment.

[b] Ma hemmx konferma definittiva li l-attur kien presenti waqt il-verifika tal-25 ta' April 1992 u Timothy Borg li huwa qatt ma kellem lill-attur dwar id-differenza bejn il-kwantit' ta' hobz u l-figura fuq l-invoice li rrizultat mill-imsemmija verifika.

[c] Dok. ST4 li "gie redatt u preparat " minn George Attard u li "juri figuri komparattivi ta' xoghol fornit mill-attur Anthony Cutajar" Fiz-zewg supermarkets tas-socjeta' konvenuta "ghall-perjodi hemm indikati", qatt ma gie muri lill-attur minn George Attard.

[d] hija incerta l-ezattezza ta' Dok. ST4 meta jigi kkonsidrat li [i] skond George Attard dan id-dokument juri x-xoghol fornit mill-attur fiz-zewg supermarkets minn meta bdew il-konsinnji ta' l-attur cioe' skond George Attard minn Gunju 1991; [ii] skond l-attur u mart l-attur il-kunsinnji tal-hobz lill-konvenut nomine ghall-ewwel kienu jsiru biss fis-supermarket ta' hal-Balzan; u [iii] analizi matematika turi l-ammonti li jidhru f'Dok. ST4 rigward il-kunsinnji li saru fiz-zewg supermarkets tal-konvenut nomine fix-xhur ta' Frar 1992 u April 1992 ma jaqblux ma l-ammonti f'Dok. AC4 sa F'Dok. AC9 rigward l-istess kunsinnji f'dawn it-tlett xhur.

[e] Dok. ST2 (il-verifika esegwita minn Timothy Borg) sar wara li r-ricevuta Dok. ST1 kienet diga' giet iffirmata minn Simon Green; u ma hemmx konferma li Dok. St2 sar quddiem l-attur, anzi se mai l-indikazzjoni li Dok. ST2 ma sarx quddiem l-attur u dan gie dedott stante li Timothy Borg iddikjara li huwa qatt ma kellem lill-attur wdwar l-allegata differenza bejn il-kwantita' ta' hobz u l-invoice.

[f] Ic-cekkjar tal-kwantitajiet tal-hobz kienet responsabbilita tal-konvenut nomine li kellha tigi esegwita mill-impjegati tieghu li kien jiffirmaw ir-ricevuti.

3.2.12. minn dawn il-konsiderazzjonijiet jirrizulta li t-tieni eccezzjoni tal-konvenut nomine b'ebda mod ma tista' teffetwa l-obbligu tieghu li jhallas lill-attur ghall-kwantitajiet tal-hobz ikkonsenjati u mibjugha mill-istess attur lill-konvenut nomine, liema kwantitajiet gew ikkonfermati u accettati mill-konvenut nomine, kif jirrizulta mir-ricevuti kompleti u relattivi ghal din il-kawza li jinsabu f'Dok. AC4 sa Dok. AC9

mir-ricevuti kompleti u relattivi ghal din il-kawza li jinsabu f'Dok. AC4 sa Dok. AC9.

Hija ghalhekk ikkonkludiet li t-talba attrici ghandha tigi milqugha limitatament ghas-somma ta' Lm2787.59 izda dan mhux a bazi tat-tieni eccezzjoni tal-konvenut nomine imma tal-konsiderazzjonijiet kontenuti fil-paragrafi 3.1.3. u 3.1.4. L-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine ghandhom jigu michuda.

Il-Qorti wara li ezaminat il-provi kollha migbura u kkunsidrat l-osservazzjonijiet maghmula fir-relazzjoni, hi tal-fehma li l-perit ghamlet apprezzament tajjeb u korrett ta' dawk il-provi u taqbel mal-konkluzjonijiet raggunti minnha.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine u tilqa' t-talba attrici limitatament ghas-somma ta' Lm2787.59 u ghalhekk tikkundanna lill-konvenut nomine jhallas lill-attur din is-somma ta' Lm2787.59 bl-imghax relattiv. Bl-ispejjez li jithallsu decima (1/10) parti mill-attur u disa' decimi (9/10) mill-konvenut nomine.